# San Filep u l-Eżorċiżmu f'Malta

**_minn P. Elija Vella ofm conv._**



Meta ftit snin ilu Mons Arċisqof kien talabni li nkun eżorċista uffiċjali, kont ixxukkjajt ruħi.

U dan għaliex fost il-ministeri kollha fil-Knisja, żgur li dan huwa l-inqas popolari u l-iżjed impenjattiv. Mhix ħaġa li tixtieqha li tidħol fi ġlieda diretta max-xitan, meta wieħed jaf kemm dan hu qawwi, intelliġenti u vendikattiv. Ħassejtni konfuż naċċettax jew le wkoll għaliex jien nagħraf perfettament il-limiti tiegħi u n-nuqqasijiet tiegħi, li mhumiex ftit.

Fl-istorja tal-Knisja, insibu bosta persuni li ġġieldu kontra x-xitan. Imma dawn kienu qaddisin. Fosthom insemmu lil Patri Piju tal-Pjagi, lil Sant'Antnin, lil S. Benedettu u lil San Filep ta' Agira. Dawn imma kienu kollha qaddisin. Tafu x'serraħli moħħi?

Darba qrajt fatt ta' l-eremiti tad-deżert. Wieħed minn dawn kien ser jagħmel eżorċiżmu meta x-xitan beda jgħajru u jgħidlu: "Propju int, li għadek kemm dnibt?" Imma l-eremit wieġbu: "Proprju jien, midneb, għaliex Alla jrid jumiljak u jkeċċik proprju bija!" Imma proprju għax jien m'inhiex qaddis illi waqt l-eżorċiżmi, inħoss il-bżonn li nkun imdawwar mill-qaddisin li lix-xitan umiljawh u ordnawlu jitlaq.

U żgur li post prominenti fost dawn jokkupah il-qaddis tagħna San Filep.

Ħajtu kienet battalja kontra x-xitan. U r-rebħiet li kien iġib f'isem Kristu fuq ix-xitan, kienu kbar, numerużi u tal-għaġeb. Bir-raġun kollu li x-xitan kien jitwerwer minnu, għax għaraf fih strument adatt f'idejn il-Mulej għall-qerda tiegħu. Fi żmien Filippu, ix-xitan ma kienx jittortura biss lill-persuni, imma sa kien jokkupa spazji u postijiet li kien jagħmilhom tiegħu. U San Filep bil-qawwa ta' Alla kien jirnexxilu jkeċċih.

Għalkemm San Filep għex mijiet ta' snin ilu, madankollu huwa l-qaddis ta' żmienna.

U dan mhux biss għaliex iż-Żebbuġin jagħmlulu festa kbira, imma preċiżament għaliex għandna bżonn il-protezzjoni tiegħu f'dan il-ministeru tal-eżorċiżmu.

Xi ħadd jista' jimmaġina illi titkellem dwar indemonjati, mhix ħaġa tal-lum imma hija ħaġa taż-żmenijiet tan-nofs. Min jaħseb hekk imma jkun qed jgħarralu. Ix-xitan għadu attiv mqar illum, u wkoll fost il-Maltin. Hawn Malta ninsabu erbgħa eżorċisti u ibqgħu ċerti li m'aħnix idejna fuq żaqqna! Bosta huma dawk li jitolbuna l-għajnuna biex jinħelsu mill-attakki tax-xitan. Ċert, mhux kull min jaħseb li għandu xitan ikollu realment xitan, imma lanqas nistgħu ngħodduhom bħala mġienen lil dawk li jkunu verament attakkati.

Li kieku kelli ngħid kelma lil San Filep, kont ngħidlu: "Filippu, għandna bżonnok. Mhumiex biss in-nies ta' Ħaż-Żebbuġ li għandhom bżonnok, imma ħafna u ħafna oħrajn.

U fost dawk li għandhom bżonnok, hemm jien u sħabi l-eżorċisti Maltin".